MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 249/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Mohammed Kamal**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Marzu 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u seba` Euro u sebgha u sittin centezmu (€1207.67) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2010, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u seba` Euro u sebgha u sittin centezmu (€1207.67), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------